# Qorti tal-Appell Kriminali

**Onor. Imħallef Dr. Antonio Mizzi LL.D., Mag. Juris (Eu Law)**

**Appell Numru: 28/2015**

Il-Pulizija

(Spettur Maria Stella Cutajar)

vs

**Domenic Schembri**

detentur tal-karta ta’ l-identita’ numru 362488(M)

Illum 23 ta’ Ottubru,2018.

Il-Qorti,

Rat l-akkużi dedotti kontra l-appellant Domenic Schembri quddiem il-Qorti tal-Maġistrati (Malta):

Talli fl-14 ta' Settembru, 2014 fis-6.00 a.m. ġewwa Triq l-Erba' Mwieżeb, San Pawl il-Baħar huwa

1. Saq jew ipprova jsuq, jew kellu kontroll tal-vettura bil-mutur Toyota bin-numru ta' reġistrazzjoni EBG 553 li kienet fit-triq jew f’post pubbliku ieħor waqt li ma kienx f'kundizzjoni lli jsuq minħabba xorb u drogi.

2. Saq jew ipprova jsuq, jew kellu kontroll ta' vettura bil-mutur Toyota bin-numru ta' reġistrazzjoni EBG 553 wara li kkonsma tant alkoħol li l-proporzjon tan-nifs, tad-demm jew tal-urina tkun iżjed mil-limitu preskritt.

3· Saq vettura il-mutur Toyota bin-numru ta' reġistrazzjoni EBG 553 b'nuqqas ta' kont.

4. Saq vettura bil-mutur Toyota bin-numru ta' reġistrazzjoni EBG 553 b'mod perikoluż.

5. Saq vettura bil-mutur Toyota bin-numru ta' reġistrazzjoni EBG 553 bi traskuraġni.

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Maġistrati (Malta) tal-20 ta' Jannar, 2015 fejn il-Qorti lliberatu mill-akkużi numru tlieta[3], erbgħa[4], ħamsa[5] u sabitu ħati tal-akkużi numru wieħed[1], tnejn[2] u mmultatu multa ta' €1,800.00 liema multa għandha titħallas ratealment permezz ta' pagamenti ta' €100.00 fix-xahar, l-ewwel pagament għandu jsir fl-1 ta' Frar 2015, b'dan illi jekk ma jsirx il-ħlas ta' xi waħda mir-rati, l-ammont sħiħ li jkun fadal għandu jkun dovut u jitħallas minnufih u, fin-nuqqas ta' tali ħlas, il-bilanċ ta' l-ammont dovut għandu jkun awtomatikament konvertibbli fi priġunerija mingħajr il-ħtieġa ta' ebda att ġudizzjarju ieħor kif ukoll issospenditlu l-liċenzja tas-sewqan għal żmien sitt (6) xhur millum u ordnat lill-Kummissjarju tal-Puluzija sabiex jeleva mingħand l-akkużat il-liċenzja tas-sewqan minnufih b'dan illi dina għandha tiġi ritornata lill-akkużat wara li jkun skada it-terminu tas-sospensjoni.

Rat ir-rikors tal-appellanti Dominic Schembri minnu ppreżentat fit-30 ta' Jannar, 2015 fejn talab lil din il-Qorti jogħġobha tikkonfermaha fil-parti tagħha fejn illiberatu mit-tielet, ir-raba' u l-ħames imputazzjonijiet miġjuba kontra tiegħu, tvarjaha fil-parti tagħha illi fiha sabitu ħati tal-ewwel u tat-tieni imputazzjonijiet fis-sens illi tinfliġġi piena iżgħar, u cioe il-minimu tal-multa stabbilita bil-Liġi ta' elf u mitejn Euro (€1,200) u tirrevoka s-sospensjoni tal-liċenżja tas-sewqan tiegħu għal żmien sitt xhur imposta mill-Ewwel Qorti;

Rat l-aggravji tal-appellanti u cioe':-

Illi l-appellanti jirrileva illi huwa qiegħed jinterponi dan l-umli appell limitatament għall-piena illi ġiet imposta fuqu mill-Ewwel Qorti rneta dik l-istess Qorti sabitu ħati tal-ewwel u tat-tieni

imputazzjonijiet miġjuba kontra tiegħu, u dana peress illi fil-fehma ta' l-istess appellanti il-piena tal-multa ta' €1800 kif ukoll dik tas-sospensjoni tal-liċenzja tas-sewqan tiegħu għal żmien sitt xhur hi waħda ferm eċċessiva, tenendo kont tal-fatt illi l-appellanti ammetta għat-tieni imputazzjoni miġjuba kontra tiegħu quddiem l-Ewwel Qorti u kkopera fis-sħiħ mal-Pulizija fl-14 ta' Settembru 2014 meta ta l-kampjuni tan-nifs kollha neċessarji sabiex jiġi stabbilit jekk kienx ikkonsma alkoħol aktar mil-limitu impost mil-liġi. In oltre mix-xhieda prodotti mill-istess prosekuzzjoni irriżulta ampjament ċar illi fil-mument illi l-Pulizija marru fuq it-roundabout ta' l-Erba' Mwieżeb, San Pawl il-Baħar, l-appellanti ma kienx qiegħed fil-vettura tiegħu, u lanqas kien qiegħed isuq il-vettura tiegħu anzi addiritura xehdu u dan ġie anki kkkonfermat mill-appellanti stess waqt ix-xhieda tiegħu quddiem l-Ewwel Qorti, illi l-appellant kien qiegħed bilqiegħda fuq iċ-ċint. Fil-fatt huwa kien ilu bil-qiegħda għal xi kwarta qabel ma waslu l-istess Pulizija fuq il-post. Di piu’ meta l-Pulizija waslu fuq il-post, sabu l-vettura kienet ipparkjata mal-ġenb tat-triq u dana ġie anki kkonfermat minn PC 1296 W. Mifsud u PC 918 C. Azzopardi fl-affidavits magħmula minnhom.

Illi di piu għal dak li jirrigwarda is-sospensjoni tal-liċenzja tas-sewqan tiegħu għal perjodu ta' sitt xhur, għalkemm l-appellanti jifhem illi l-akkużi li tagħhom instab ħati, fosthom it-tieni akkuża illi rreġistra ammissjoni għaliha, jikkomportaw fit-termini tal-liġi sospensjoni tal-liċenzja tas-sewqan għal żmien sitt xhur f'każ ta' l-ewwel kundanna, l-appellanti jirrileva illi tali sospensjoni ser tirrekalu pregudizzju serju u dana minħabba n-natura tax-xogħol illi huwa jiżvolgi. Jiġi preċiżat illi xogħol l-appellanti huwa dak ta' mekkanik fuq trakkijiet, u xogħolu jirrikjedi illi jsewwi trakkijiet mhux biss ġewwa l-garaxx fejn huwa jaħdem bħala impjegat, iżda anki fuq barra u fit-triq f'każ illi tiġri xi ħsara waqt li l-istess trakkijiet ikunu qegħdin jinstaqu rnill-proprjetarji tagħhom fil-mument illi jinqalgħu xi problemi u ħsarat. Di piu ħafna drabi 1- appellanti ikollu jsuq l-istess trakkijiet sabiex ikun jista' jippruvahom biex ikun jista' jagħraf x'inhi l-problema u wara illi jsewwi l-istess problemi u f'każ illi jintbagħat fuq post pubbliku minħabba xi ħsara, ikollu jsuq l-istess trakkijiet sal-garaxx fejn huwa jaħdem sabiex jkunu jistgħu jsiru t-tiswijiet necessarji, u għaldaqstant bis-sospensjoni tal-liċenżja imposta fuqu, mhux ser ikun jista' jiżvolġi x-xogħol tiegħu.

Rat l-atti kollha tal-kawża.

Semgħet it-trattazzjoni tal-partijiet.

Rat il-fedina penali aġġornata tal-appellant ezebita mill-prosekuzzjoni fuq ordni tal-Qorti.

Ikkunsidrat,

Illi dan l-appell jirrigwarda limitatament l-piena erogata mill-Ewwel Qorti b'mod speċjali nkwantu jirrigwarda s-sospensjoni tal-liċenżja tas-sewqan għal żmien sitt xhur u l-multa ta' 1,800 Ewro.

Illi l-appellant qed jilmenta li l-piena hija waħda eċċessiva stante li meta sabuh il-Pulizija huwa kien ipparkjat minħabba li ħabib tiegħu kien qed iħossu ħażin u ma kienx qed isuq.

Inoltre, huwa kkopera mal-ewwel mal-Pulizija meta talbuh biex jagħmel il-breathalyser test.

L-appellant għandu xogħol li huwa relattat mas-sewqan u cioe' li jkollu jsuq trakkijiet jew vannijiet li jkollhom il-ħsara u li biex jivverifika jekk hux kollox sew ikollu jsuq il-vettura fit-triq. Is-sospensjoni tal-liċenżja għal sitt xhur ser taffetwa xogħolu minħabba li huwa mekkanik.

**Ikkunsidrat ulterjorment**

PC 918 C Azzopardi u PC 1296 W Mifsud it-tnejn jikkonfermaw fl-affidavits tagħhom li kellu riħa qawwija ta' xorb u li ma kienx qed jimxi sewwa.

Meta xehed quddiem din il-Qorti , l-appellant ammetta li huwa kien saq minn Paceville sa fejn ir-*rounabout* ta' Buġibba fejn ineffetti sabuh wieqaf il-Pulizija, u dan taħt l-influenza tax-xorb kif jirriżulta ulterjorment mir-riżultat tal-breathalyser test.

Illi l-**Artikolu 15H (reati u pieni) tal-Kap 65 tal-Liġijiet ta' Malta** jgħid is-segwenti:

1) Kull persuna li tikser xi dispożizzjonijiet tal**-artikoli 15A u 15B t**kun ħatja ta' reat u meta tinsab ħatja ta' reat bħal dak jew ta' reat taħt l-artikolu 15E(4) teħel –

(a) fil-każ tal-ewwel kundanna, multa **ta' mhux anqas minn elf u tmien mitt euro (€1,800) jew priġunerija** għal mhux iżjed minn sitt xhur jew għal dik il-multa u priġunerija flimkien

(*2) B'żieda mal-pieni taħt is*-*subartikolu (1),* ***il-qorti għandha tiskwalifika lill-ħati milli jkollu jew jottjeni xi liċenza tas-sewqan fil-każ tal-ewwel kundanna għal żmien ta' mhux anqas minn sitt xhur,*** *u fil-każ tat-tieni kundanna jew ta' kull kundanna oħra warajha għal żmien ta' mhux anqas minn sena.*

L-iskwalifika tal-liċenzja u l-multa hija waħda tasattiva.

Il-Piena hija waħda fil-parametri tal-liġi u fil-minimu tagħha u għaldaqstant din il-Qorti ma tħossx li għandha tiddisturba l-piena erogata mill-Ewwel Qorti.

Għaldaqstant tichad l-appell ta' Domenic Schembri u tikkonferma s-sentenza appellata.